Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAL-ĦDAX -IL LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** It-Tlieta, 25 ta' Settembru 2012

**Ħin:** Mid-9.00am sal-11.15am

**Prezenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello (9.25am)
It-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

Is-Sindku informa lis-Segretarju Eżekuttiv li ser jittardja għal-laqgħa għaliex kien għadu xogħol. Hawnhekk ħa s-sedja l-Viċi Sindku

**1. Approvazzjoni tal-Minuti Tad-Disa'laqgħa tas-Seba' Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Għaxar laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 4 ta' Settembru 2012. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sur Guido Borg, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Stephen Gatt. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il-Viċi Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. Mill-Minuti**

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li wara l-ilment li kien sar mis-Sur Azzopardi li joqgħod 68, Triq il-Kbira fejn wara l-maltempata li saret kien daħallu l-ilma d-dar u kellu ħsarat, il-perit tal-Kunsill mar fuq il-post u ser ilesti rapport għal-kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

**F'dan il-ħin daħal s-Sindku u ħa s-siġġu**

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li ntbagħtet risposta lill-Perit Denoto minn Transport Malta għad-deċiżjoni fin-negattiv li ttieħdet fuq it-*traffic management* li ppropona l-Kunsill u qed jistenna risposta. Kull resident li wera interess f'dan il-każ intbgħatet lilu kopja tad-deċiżjoni u r-risposta tal-Kunsill.

Is-Segretarju poġġa fuq il-mejda rapport ippreżentat mill-Perit tas-Sinjura Cilia li toqgħod ġo Alley 4, Triq Sant' Antnin li sofriet ħsarat kbar fejn hawnhekk il-Kunsillier s-Sur S. Gatt intervjena f'dan il-kaz u informa lill-Kunsill li Transport Malta fetħu żewġ files fuq din il-problema, waħda fuq l-isqaq innifsu u ieħor fuq Triq Annibale Preca li tinsab f'Ħal Lija fejn dan l-aħħar saru xi xogħolijiet ta' asfaltar f'din it-triq. Sadanittant il-Perit David Vassallo minn Transport Malta qed jitlob li ssir laqgħa fuq il-post bejn il-Kunsilli ta' Ħal Lija, Attard u Ħal Balzan biex jiddiskutu din il-problema.

## 3. <u>Sentenza tat-Tribunal Għal Talbiet Zgħar Nru. 259/2011</u>

Is-Segretarju poġġa fuq il-mejda email mibgħuta mill-Avukat tal-Kunsill Dr. Veronica Aquilina fejn tat spjegazzjoni fid-dettal r-raġuni għaliex l-ebda rappreżentant mill-Kunsill ma kien preżenti għad-deċizjoni li ttieħdet mill-qorti fil-konfront tal-Kunsill.

Fit-30 ta' Mejju 2012 l-Avukat Bianchi għan-nom ta' Louis u Henrietta Bianchi kien talab lit-Tribunal biex isem il-konvenut tiġi taqra is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv flok il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan u din it-talba ġiet milqugħa. Dakinhar l-Avukata tal-Kunsill talbet li tiġi diferita għal data oħra. It-Tribunal kellu d-dover li javża biex is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jiġu notifikati b'dan it-tibdil imma minflok il-qorti ġiet aġġornata għat-2 ta' Lulju 2012 biex ikun jistgħu jkunu preżenti biex jagħtu x-xiehda tagħhom. Dan ma sarx u għalhekk is-Sindku u s-Segretarju ma kienux preżenti għaliex ma kienux jafu b'dan it-tibdil. Il-każ ġie deċiż nhar it-Tnejn 17 ta' Settembru 2012.

Is-Sindku qal li l-konjuġi Bianchi lanqas biss kellhom rapport tal-pulizija meta sar l-aċċident u għalhekk il-Kunsill ma setax jirrifondi dawk il-flus mitluba. Meta kien hemm każijiet oħra bħal dawn u kien hemm rapport tal-pulizija, it-talba tas-sewwieq kienet tiġi milqugħa u jiġu rifonduti l-ispejjeż. F'dan il-każ mingħajr rapport ta' xejn il-konjuġi Bianchi għazlu li jmorru t-Tribunal.

Huwa informa lill-Kunsill li tlabna l-Avukata tal-Kunsill biex tappella minn din id-deċiżjoni u sadanittant talab lis-Segretarju biex jikteb lit-*Times of Malta* biex itiħ id-dritt ta' risposta għal artiklu li deher fuq il-gażżetta tat-18 ta' Settembru.

## 4. <u>Toroq u Xogħoljiet Oħra</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda t-Tender għal xogħoljiet ta' asfaltar fi Triq Guże Bonnici u Triq l-Għerusija. Huwa informa lill-Kunsill li wara li kien kellem l-accountant, qed jissuġerixxi li s-sejħa għal xogħolijiet ma toħroġx għalissa qabel ma l-Kunsill ikun ċert li fil-proġett ta' tisbieħ u pavimentar tal-Pjazza taħt il-fondi ta' l-Unjoni Ewropea ma jinqalgħux spejjez mhux previsti waqt li jkun għaddej ix-xogħol bħal ma kien ġara meta kienu saru xi xogħolijiet fi Triq Qarcilla. Dan qed isir biss bħala prevenzjoni u mhix kwistjoni li dawn iż-żewġ toroq ma jsirux għaliex bl-allokazzjoni tas-sena d-dieħla, il-Kunsill xorta jkun kopert minn xi imprevisti. Għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda li jżomm temporanjament is-sejħa għall-offerti.

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kwotazzjoni għal xogħolijiet ta' *large patching areas* f'diversi inħawi ta' Ħal Balzan kif ukoll it-tindif ta' *culverts* f'Wied Ħal Balzan u Triq il-Kbira minn Polidano Group li huma l-kuntratturi tal-Kunsill bi sħab mal-Kunsill ta' Birkirkara.

Is-somma laħqet l-ispiza totali ta' € 28,628.26 li huma mqassmin hekk. Large Patching areas € 10,646.01, Tindif ta' culverts € 10,421.69 u ġew inkluża varjazzjonijet fil-prezz tal-fuel u materjal li laħqu s-somma ta' € 7,560.56.

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li l-kuntratt ma' Polidano ma jistipulax li jkun hemm varjazzjonijiet ta' dan it-tip u għalhekk għandha tiġi indirizzata. Huwa kellem lis-Segretarju ta' Birkirkara fejn minn naħa tagħhom kitbu lil Transport Malta biex ituhom indikazzjonijet tal-prezzijiet kif qeghdin bħalissa fis-suq biex jkun jistgħu jikkomparaw. Is-Segretarju kien qed jissuġerixxi li l-Kunsill jagħmel l-istess proċedura qabel ma tittieħed deċiżjoni.

Il-Kunsill qabel li jsir dan l-eżerċizzju qabel ma tittieħed deċizjoni fil-konfront ta' Polidano jekk inkomplux bil-kuntratt jew le.

## 5. Korrispondenza

**Ittra Nru 2152/12**: Ilmenti mressqa mir-residenti lill-Kunsillier is-Sur D. Zammit Marmara biex jiġu indirizzati mill-Kunsill

**Ittra Nru 2151/12**: Deċiżjoni mill-MEPA fuq PA 1275/12 (ex Villa Pisani)

**Ittra Nru 2150/12**: Ittra mingħand is-Segretarjat Pastorali tal-Curia fejn infurmawna li għal din is-sena ntgħażlet il-Parroċċa ta' Marija Annunzjata ta' Ħal Balzan biex issir l-attivita' ta' Kristu re fil-25 ta' Novembru 2012. Minħabba li dak iż-żmien ikunu għaddejjin xogħolijiet fuq il-proġett ta' tisbiħ tal-Pjazza ġie deċiż li f'dak iż-żmien ix-xogholijiet jitkomplew quddiem il-Każin tal-Banda Marija Annunzjata.

**Ittra Nru 2149/12**: Email mingħand is-Sur J. Borg Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali fejn qed jitlob lill-Kunsill li jingħata lista ta' xogħolijiet li s-Sur C. Azzopardi ser jkun jagħmel matul dawn is-sitt xhur mal-Kunsill.

**Ittra Nru 2147/12**: Email mingħand s-Sur-S. Deguara, Segretarju tal-Każin tal-Banda San Gabriel rigward l-attivita' tas-Sibt, 29 ta' Settembru li ser tiġi organiżżata mill-Kunsill minħabba l-aċċess għal Pjazza. Saret talba wkoll biex jiġi mpoġġi *private skip* mal-ġenb tal-Każin. Hawnhekk il-Kunsill ma sabx oġeżżjoni għal dan. Talba oħra kienet fuq il-bankina ta' wara l-Każin sabiex issir rampa ta' diżabilita' bħala aċċess għal Każin. F'dan ir-rigward il-Kunsill qed jitlob lill-Għaqda biex tissottometti pjanti mill-perit tagħhom għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

**Ittra Nru 2146/12**: Ittra mingħand is-Sinjura B. Cassar fuq il-problema ta' l-għargħar fi Triq Idmejda quddiem d-dar tagħha. Il-Kunsill qed isegwi l-każ ma' Transport Malta.

**Ittra Nru 2145/12**: Ittra mingħand is-Sur K. Cutajar fuq il-problema ta' l-għargħar f'Wied Ħal Balzan. Is-Segretarju intalab jikteb lis-Sur Cutajar u jispjega l-pożizzjoni tal-Kunsill fejn qed jitlob lill-Gvern Ċentrali biex jidħol hu għal dan il-proġett għax il-Kunsill bir-riżorsi finanzjarji li għandu ma jistax jibni mill-ġdid din it-triq.

Il-Kunsillier is-Sur G. Borg issuġerixxa li għandha tissejjaħ laqgħa urġenti mal-Uffiċċju tal Prim Ministru u titkompla ssir il-pressjoni fuq il-Gvern biex jgħin fil-bini ta' din it-triq. Dan is-suġġeriment ġie aċċettat mill-Kunsill u talab lis-Segretarju biex jikteb lill-Kap tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, is-Sur E. Galea Curmi fejn jingħata kopji tal-korrispondenza kollha li l-Kunsill kellu ma Transport Malta kif ukoll mas-Sur C. Bonello fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru fuq dan is-suġġett.

**Ittra Nru 2144/12**: Email mingħand is-Sur J. Camenzuli fuq il-permess tal MEPA li ħareġ fuq l-art ex Villa Pisani fejn qed jallega li mhux ser ikun hemm garaxxijiet taħt il-binja u dan ser ikun ta' detriment għar-residenti f'dawn l-inħawi. Għandha tintbgħat kopja tal-permess lis-Sur Camenzuli fejn qed jiġi indikat li l-permess jinkorpora fih sistema ta' parkeġġ.

**Ittra Nru 2139/12**: Ittra mingħand is-Sur F. Boffa fuq xi problemi li qed jiltaqgħu miegħu r-residenti ta' Triq Kardinal Cardejn. Il-Kunsill jixtieq għal darb'oħra jispjega li l-għalqa ta' quddiem Prof Guze Aquilina hija tal-Joint Office u mhix art pubblika.

## 6. Komunikazzjoni tas-Sindku

Is- Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħolijiet fi Triq Guże Bonniċi in konnessjoni mal-proġett ta' tisbiħ tal-Pjazza tkomplew wara waqfien ta' gimgħatejn minħabba li WSC kienu qed jaraw l-possibilita' li jinbidlu s-serviżżi eżistenti tal-ilma.

## 7. Rapport dwar l-Ilmenti

Ilment Nru 17012100175688: Talba biex titnaddaf culvert fi Sqaq Nru 2, Triq Santa Marija. Il-Viċi Sindku informa li dak ix-xogħol sar.

Ilment Nru 17012021176604: Talba biex isiru parking bays fuq iż-żewġ naħat ta' Triq Sigismondo Dimech. Għandu jintalab permess minn Transport Malta biex isiru dawn.

Ilment Nru 17012100176606: Talba biex issir bankina quddiem 4, Triq Sigismondo Dimech. Il-Kunsill ħa jara x'jista' jsir jekk m'hemmx bankina.

## 8 Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Il-Kunsillier is-Sur D. Zammit Marmara qal li gie avviċinat minn resident li joqgħod ġo Buontempo Estate u taħ xi dokumentazzjoni fuq il-problema li teżisti hemmhekk u intalab jgħin f'din il-kwistjoni. Is-Sindku wieġeb li l-area ta' Buontempo Estate hija art privata u talab lis-Segretarju jgħaddi kopja ta' korrispondenza mid-Dipartiment tal-Artijiet lis-Sur Zammit Marmara fejn qed jikkonferma dan biex tingħata lir-resident.

Saret talba lill-Kunsillier is-Sur D. Zammit Marmara biex issir zebra crossing fi Triq il-Kbira (parti t'isfel). Is-Sindku ftit tas-snin ilu flimkien ma' Transport Malta kienu marru fuq il-post biex jaraw tistax ssir din iz-zebra crossing imma f'dik l-area minħabba l-garaxxijiet u kif qegħda t-triq dan ma tippermettiħx u mhux possibbli li ssir.

## 9 Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data sal-25 ta' Settembru 2012 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 22, 986.49

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier D. Zammit Marmara li kien issekondat mill-Kunsillier, s-Sur G. Borg. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kwotazzjonijiet sottomessa biex tinbena mill-ġdid il-Website tal-Kunsill. Dawn kienu Weebee għas-somma ta' **€ 920**, Web Development għas-somma ta' **€ 1829** u Adverteyes għas-somma ta' **€ 1239**. Il-Kunsill unanimament qabel li jmur għall-irħas offerta li kienet ta' Weebee.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar L-Erbgħa, 17 ta' Ottubru 2012 fl-4.30pm.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Eżekuttiv

Data